**Il-qdusija**

Xi ġmiel ta’ kelma ħuti
Li timliena b’ħafna kuraġġ,
Għax imqar fl-eħrex tbatija
Hi biss tagħtina vultaġġ.

Dil-kelma wisq sabiħa
Toħodni b’bosta tifkiriet,
Li lili tant isaħħuni
Għax jimlewni bil-barkiet.

Il-qaddis mhux imkerraħ
Jaf ikun bil-wisq ta’ man-nies,
Ma jitkażax bi dnub għajru
Jiftakar li għandu l-qjies.

Ma jagħmilhiex bi kbira
Meta jiżbalja bħal kulħadd,
Anzi, b’umiltà jaf jagħraf
Li dineb avolja ħabb.

Wara kollox x’fiduċja
Meta nħobb mill-qalb lil għajri,
Għax b’hekk biss jiena ninħafer
Alla jibda’ jgħix f’dari.

Sabiħa wisq li naħfer
Għalkemm il-kirxa ma nikolx,
Għax il-maħfra tassew tfejjaq
U x-xitan le ma jidħolx.

Il-qdusija ħelliesa
Għax tfakkarni fih, il-Missier,
Li għalih ilkoll uliedu
Kemm ta’ ġewwa w il-frustier.

Ħa nħennu meta nistgħu
Ninkoraġġixxu lil xulxin,
Għax fl-imħabba tant sabiħa
Infiequ issa, dal-ħin.

Il-qdusija tfakkarna
Li għal hawn int u jien m’aħniex,
Se nħallu ‘l ħanini flusna
Għajr l-għadam ma jibqalgħnix.

X’ferħ qaddis tħoss persuna
Meta tħobb minn qalbha qatigħ,

Tintebaħ li l-ġlied, il-vendetta
Velenu, m'għandix x'tambih.

Niżik ħajr qarrej ħija
Li qed taqra dal-ftit kelmiet,
Itolbu: "Mulej, qaddisni"
Bik jagħmel l-għeġubijiet!

Oħti b'dal-mod tiffriska
W tkun mimlija,
Meta titolbu 'l-ħin kollu
Li jimlik bil-qdusija.

Patri Mario Attard OFM Cap
1 ta' Novembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.